SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 19/K10/25**

Data tal-laqgħa: 13 t'Awwissu 2025

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Victor Vella – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
David Caruana - Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

Sean Gauci - Viċi Sindku

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (1)

**Minuti**

**Talba**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Inqrat it-Talba

**19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

19.1.01 Il-Viċi-Sindku Sean Gauci talab li jiġi skużat għal-laqgħa.

19.1.02 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**19.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

19.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 18/K10/25.

19.2.02 Il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-Minuti.

19.2.03 Il-Kunsillier David Caruana ssekonda.

19.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**19.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

19.3.01 Il-laqgħa li hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom dwar l-kontijiet tal-ARMS biex jibdew jitħallsu fil-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qed jistenna risposta biex jiġu riveduti l-kundizzjonijiet li ser ikun hemm u jekk tiġi aċċettata meta ser jibda dan il-proċess.

19.3.02 Ic-Ċermen informa lill-Kunsill li TVM ser jagħmel programm f'Ottubru dwar il-lokalità ta' San Giljan. Wara laqgħa mal-*producers* ġie diskuss il-prodott tal-programm u l-*location.* Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta minn TVM.

19.3.03 Saret laqgħa *online* mal-Kummissjoni Elettorali fejn kienu nvoluti ic-Ċermen u s-Segretarju Eżekuttiv dwar il-konfini ma' Pembroke. Ic-Ċermen spjega li hu baqa' jinsisti li l-konfini għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill ta' San Giljan però issa l-Kunsill qed jistenna deċiżjoni finali mingħand il-Kummissjoni.

19.3.04 Iċ-Ċermen ta' spjegazzjoni dwar iż-żewġ MOUs li l-Kunsill rċieva kif ukoll dwar il-laqgħa li kellu ma' Clean Malta. Wara diskussjoni ġie deċiż li ssir laqgħa ma' rappreżentant ta' Clean Malta sabiex il-Kunsilliera jkollhom aktar informazzjoni u wara jiġi iffirmat l-MOU kemm tal-knis kif ukoll tal-latrini pubbliċi.

19.3.05 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li ntbagħtet ittra lill-Casa Leone dwar il-hornets. Ġie deċiż li l-istess ittra tintbagħat lill-isptar Zammit Clapp u l-iskola tas-Sacred Heart.

19.3.06 Il-Kunsilliera ġew nfurmati li l-problema li kien hemm dwar ġbir tal-iskart fi Triq Patrick Brydone ġiet solvuta.

19.3.07 Dwar il-maratona ta' Karl Gouder, iċ-Ċermen ser jiltaqa' mas-Sur Charles Camenzuli għada l-Ħamis 14 t'Awwissu 2025.

19.3.08 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li qed jinġabu l-istimi dwar it-tpinġija ta' taħt l-arkati tal-Bajja tal-Balluta.

19.3.09 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li hemm kumpanija mħajjra li *tisponsorja* is-solar systems fuq cameras u Zebra Crossings tal-lokalità. Il-Kunsill qed jistenna aktar informazzjoni dwar din il-proposta. Il-Kunsilliera ntalbu li jibgħatu żewġ postijiet fejn l-iktar li jintrema skart fl-area tagħhom. Ġie deċiż ukoll li ssir laqgħa mal-persuni kkonċernati. Iċ-Ċermen għandu jiċċekkja meta jista' u l-Kunsilliera jiġu nfurmati bid-data u hin tal-laqgħa.

19.3.10 Iċ-Ċermen u s-Segretarju Eżekuttiv taw spjegazzjoni tax-xogħolijiet li għandu jsir min naħa tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi.

19.3.11 Iċ-Ċermen qara l-email li l-Kunsill irċieva dwar il-*courses* Għaqda id-Dar, fejn irringrazzjawna talli aċċettajna l-istedina tagħhom u qed nistennew risposta meta ser jibdew dawn il-*courses.*

19.3.12 Dwar il-*European Week of Sports* l-Kunsilliera ġew infurmati li saret l-applikazzjoni u l-Kunsill ser ikun qed jirċievi aktar informazzjoni.

19.3.13 Iċ-Ċermen ressaq tabella dwar ilbies diċenti fil-lokalità ta' San Giljan però ġie deċiż li seta' jsir xi haġa aħjar. Sa' laqgħa oħra iċ-Ċermen għandu jippreżenta tabella oħra.

19.3.14 Iċ-Ċermen qara email lill-Kunsilliera dwar l-arkata tal-Westin għalhekk ġie deċiż li għandu jitkompla l-proċess mal-periti konċernati.

19.3.15 Iċ-Ċermen nforma li għaddej xi proċess min naħa tal-AKL dwar tender tad-dawl.

19.3.16 Dwar il-proġett tal-Ġnien ta' Giorni, li ser isir minn Project Green, il-Kunsilliera ġew nfurmati li x-xogħolijiet ser jibdew dalwaqt. Issemmiet il-kwistjoni li fil-Ġnien mhux ser issir latrina. Ġie deċiż li għandha tintbagħat email lill-Project Green biex bħala Kunsill nibqgħu ninsistu li fil-proġett għandha tkun inkluża din il-latrina pubblika. Mal-proġett hemm propost ukoll li ser ssir Zebra

Crossing. Skond il-Kunsill din ser tkun perikoluża minħabba li ġejja fid-dawra u għalhekk għandha tissemma ukoll fl-ittra li ser tintbagħat.

19.3.17 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li l-Perit tal-Kunsill ressaq l-applikazzjoni dwar ir-*refurbishment* li ser issir fil-Kumpless Dun Anton Sciberras. Il-Kunsillier Carlo Mifsud talab li din it-talba tiġi posposta minħabba li hu għandu pjanti ġodda li bħala proġett jiġi ta' livell aktar għoli u għalhekk jibqa' jintuża minn tfal ta' San Ġiljan u minn ta' Ġiorni Wolves kif miftiehem u ukoll jiġi involut team ġdid tal-futsal taht l-isem ta' San Ġiljan u b'hekk ikollna kumpless sportiv ta' livell għoli. Hu talab ukoll li l-Kunsill għandu jitlob laqgħa mal-perit biex nippreżenta il-pjanti li għandha u b'hekk isir it-tibdil neċessarju.

19.3.18 Dwar il-kwistjoni tat-taraġ li hemm bejn ir-Rusty, Kebab Factory kif ukoll Veranda Restaurant l-Kunsill ġie nfurmat li għandha ssir laqgħa mal-owners u li ċ-Ċermen kellem lis-sid tal-binja l-antika li hemm fil-madwar u s-sid wiegħdu li ser tkun qed tiġi diskussa waqt l-ewwel laqgħa li jkollu mad-diretturi.

19.3.19 Ġie deċiż unanimament li l-ikla ta' ringrazzjament lis-Sur Malcolm Agius Muscat ssir il-Ħamis 4 ta' Settembru 2025 ġewwa Baystreet. Għal din l-ikla għandhom jiġu mistiedna l-Kunsilliera kif ukoll l-istaff. Dawn għandhom jkunu bla guest madanakollu s-Sur Agius Muscat għandu jkun mistidnin bil-mara.

***19.4 Talba għal-kumpens rigward inċident fi Triq Birkirkara (Każ 7/2025)***

19.4.01 Iċ-Ċermen ressaq talba għal-kumpens rigward inċident fi Triq B'Kara.

19.4.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jimxi fuq il-parir tal-Avukata.

19.4.03 Il-Kunsill qabel dwar din il-materja.

***19.5 Talbiet żgħar:***

**19.05.01 Korrispondenza mar-reġjun Lvant rigward il-*Moss Based street Furniture***

19.05.01.01 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ta' spjegazzjoni ta' din il-proposta. Ġie deċiż li jiġi propost id-Daħla tat-Tigulio, l-ħajt tal-iskola primarja kif ukoll il-ħajt tal-Ġnien minn fejn kien l-HSBC sa' fejn kien id-Dick's Bar.

**19.05.02 Email dwar kollaborazzjoni ma' Alternar**

19.05.02.01 Dwar l-email fir-rigward il-kollaborazzjoni m' Alternar ġie deċiż li ċ-Ċermen ser jiltaqa' magħha u l-Kunsill jiġi nfurmat wara.

**19.05.03 Stedina għal żjara fi Pjazza Armerina u Kunszentmiklos**

19.05.03.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ser jkun qed imur Piazza Armerina, u dwar Kunsentmiklos ser ikun qed jiccekja min ser imur u dawn għandhom jiġu nfurmati.

**19.05.04 Talba għal Zebra Cross fi Triq Alfred Gauci**

19.05.04.01 Il-Kunsill iddeċieda li z-Zebra Cross ssir u li din m'għandix taffettwa kemm jista' jkun n-numru ra' parkeġġi fl-area.

**19.05.05 Talba ghal-ghajnuna għal-festa ta' San Giljan**

19.05.05.01 Fir-rigward il-talba għal-għajnuna mill-Għaqda tan-nar għal-festa ta' San Giljan, ġie deċiż unanimament li għandu jingħata l-ammont ta' elf Ewro.

**19.05.06 Email mingħand Antonio's Barbershop**

19.05.06.01 Iċ-Ċermen ressaq email mingħand Antonio's Barbershop sabiex jiġi pparkjat van tal-ikel quddiem il-ħanut fi Triq Mikielanġ Borg. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa.

**19.05.07 Korrispondenza mingħand l-istreet Naming Committee dwar Trejqet il-Bajja.**

19.05.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill għandu jipproponi l-isem Triq Karl Gouder. Iċ-Ċermen għandu jagħmel kuntatt ukoll mal-familja għal-approvazzjoni min-naħa tagħhom.

**19.05.08 Email mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali dwar it-tabelli ta' informazzjoni dwar l-użu tal-Cannabis.**

19.05.08.01 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn it-tabelli.

**19.05.09 Email dwar proposta għall-parteċipazzjoni f'proġett tal-Unjoni Ewropea 'I.N.C.L.U.D.E'**

19.05.09.01 Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

**19.6 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

19.6.01 Il-Kunsillier Mario Amaira qajjem il-punt dwar il-jet skies li jintużaw faċċata tal-Knisja tal-Balluta u issuġġerixxa li għandu jsir passaġġ fis-*swimming zones* biex dawn il-jet skies jghaddu minghajr ma jkunu ta' periklu għal-għawwiema. Għalhekk ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra urġenti lit-Transport Malta.

19.6.02 Il-Kunsillier Carlo Mifsud staqsa dwar id-direzzjoni ta' Triq Patrick Brydone u Sqaq is-Siġra. Għalhekk ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra lir-residenti tal-imsemmija toroq jekk din it-triq għandhiex tibqa kif inhi jew terga tinbidel kif kienet.

Fir-rigward Triq Ivo Muscat Azzopardi li tagħti għal Triq Reġjonali (ħdejn il-Lights) ġie deċiż li għandha tintbagħat email lit-Transport Malta bi proposta biex din tiġi rranġata u l-karozzi li jkunu ħerġin min Triq Ivo Muscat Azzopardi għandhom ikunu jistgħu jaqsmu ghas-Swieqi.

Il-Kunsillier Carlo Mifsud talab ukoll li ħdejn il-pitch ta' San Ġiljan fi Triq Ċensu Tabone għandhom isiru marki tal-'slow down' filwaqt li wara diskussjoni qasira ġie deċiż ukoll li għandha ssir talba lit-Transport Malta għal Zebra Cross ħdejn il-Bus Stop ta fejn kien il-Park Towers.

Il-Kunsillier Carlo Mifsud ġie skużat fis-6.32p.m.

19.6.03 Il-Kunsillier Victor Vella ppropona li l-klijenti li jiġu fl-uffiċċju amministrattiv għandhom jibdew iħallsu bil-card biss però din ma ġietx aċċettata minħabba kwistjoni li jiġu jħallsu ukoll nies ta' ċertu età. Wara mistoqsija mill-Kunsillier Vella, c-Ċermen nforma lill-Kunsill li l-bankina ta' ħdejn il-Wellbees għandha l-permessi kollha neċessarji.

19.6.04 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ppropona li jsir appell għal imwejjed u siġġijiet ta' Tapea fi Triq il-Mensija.

19.6.05 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri resqet talba mingħand ir-residenti sabiex jiżdied bank ieħor bħal dak li diġà hemm fi Triq il-Qalb Imqaddsa.

Dwar it-ticketing boots li jinsabu fi Triq Ċensu Tabone, l-Kunsilliera Camilleri ġiet nfurmata li diġà sar rapport lill-Pulizija madanakollu ġie deċiż li l-Kunsill għandu jiċċekkja mal-Pulizija jekk dawn humiex illegali.

Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ressqet proposta sabiex għandu jitkompla d-dog park u jinxtraw xi affarijiet għal-istess dog park.

Fuq proposta tal-Kunsilliera Patricia Camilleri, ġie deċiż li għandha tinkiteb ittra lill-HSBC biex jagħmel ATM lejn in-naħa tal-Balluta.

19.6.06 Il-Kunsillier David Caruana talab li jiġu mibdula l-bankijiet u jsir *upgrading* li hemm taħt il-ħnejjiet fi Triq ta' Giorni, fl-area tal-ATM. Għalhekk ġie deċiż li l-bankijiet li jinsabu fl-area msemmija għandhom jeħlu fi Triq il-Qalb Imqaddsa fejn pproponiet aktar qabel il-Kunsilliera Patricia Camilleri. Il-Kunsillier David Caruana ppropona ukoll li l-biċċa ħdejn il-moll f'Xatt is-Sajjieda għandha titressaq proposta sabiex din isir żona għal-għawm tal-klieb.

Il-Kunsillier David Caruana talab li tinkiteb ittra lill-Pulizija biex dawn jagħmlu kuntatt mal-Awtoritajiet tal-Artijiet sabiex jinstab sid l-art li tinsab fi Triq ta' Giorni fejn hemm is-*substation* tad-dawl u s-siġra yucca biex b'hekk l-istess sid jibni ċint mal-propjetà tiegħu u jnaddaf l-istess area.

Il-Kunsillier Caruana ppropona li l-Kunsill għandu jixtri *portable air conditioners* lill-iskola Primarja però dan ġie nfurmat li l-Kunsill ma jistax jidħol fiha u din il-proposta għandha ssir mill-Kap tal-iskola lill-Ministeru tal-Edukazzjoni.

19.6.07 Il-Kunsillier Mario Amaira talab informazzjoni dwar fiex wasal it-tindif ta' Xatt is-Sajjieda filwaqt li ġie nfurmat ukoll li l-Kunsill għad m'għandux risposta dwar il-post fejn għandu jitwaħħal il-bust ta' Dun Anton Sciberras min-naħa tal-Kappillan.

19.6.08 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsill preżenti dwar ix-xogħolijiet li ser isiru fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv minħabba l-ħsara li qed issir fil-ħitan.

**19.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets u Skeda tal-Pagamenti;**

19.7.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6557 sa' 6592 u l-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

19.7.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

19.7.03 Il-Kunsillier Victor Vella ssekonda fl-approvazzjoni.

**19.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

19.8.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 17 ta’ Settembru 2025 fl-4.00p.m.

19.8.02 Il-laqgħa ntemmet 7.55p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| **Guido Dalli**<br>**Ċermen** | **Cher Carmen Fenech**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Data: 17 ta’ Settembru 2025**